MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 2311/1998/1

**Carmelo Mizzi et**

**vs**

**Nicholas Farrugia**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Nicholas Farrugia u martu Antonia Farrugia minnu legalment separata fejn l-imsemmija rikorrenti ppremettew :-

Illi r-rikorrenta Antonia Farrugia tigi l-mara ta’ Nicholas Farrugia minnu legalment separata in forza ta’ kuntratt fl-

atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 18 ta' Mejju 1989 Dok AF1;

Illi in forza ta' kuntratt pubbliku precedenti ghall-istess kuntratt ta' separazzjoni l-istess rikorrenta kienet dahlet f'att pubbliku ma zewgha Nicholas Farrugia in forza ta' liema huma kienu xoljew il-komunjoni ta' akkwisti gia ezistenti bejniethom u qassmu l-istess assi u dana kollu in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 6 ta' Settembru 1994 - Dok AF 2;

Illi l-oggetti maqbuda fl-esekuzzjoni tal-mandat ta qbid fl-ismijiet premessi fil-fatt jappartjenu lir-rikkorneta Antonia Farruga kif jirruzulta mid-dokument AF 2 u kif ukoll mir-riferta tal-Marixxal mehmuza mal-istess mandat u mhux lil zewgha Nicholas Farrugia;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tirrevoka a contrario imperio l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tal-effeti mobbli kollha maqbuda fl-istess esekuzzjoni tal-mandat fuq indikat;

Rat ir-risposta tal-intimat Carmelo Mizzi fejn gie sottomess illi l-procedura ntentata mill-konjugi Farrugia hija irritwali galadarba l-impunjattiva ta' mandat ezekuttiv ma tistax issir b'semplici rikors. F'kull kaz fil-meritu izda bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-istess rikorrenti ghandha tigi respinta stante li l-obbligu assunt minn Nicolas Farrugia (18 ta' Jannar 1994 u 18 ta' Lulju 1994) kien jantecedi x-xoljiment (6 ta' Settembru 1994). F'kull kaz jigi sottomess illi dan sar in frodi tad-drittijiet tal-kredituri antejuri;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2000 minn fejn jirizulta li r-rikorrenti ddikjaraw li din l-azzjoni qed issir a bazi tal-artikolu 283A tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2000 minn fejn jirizulta li l-intimat iddikjara li qed jirtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat l-affidavit taz-zewg rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Gunju 2003 minn fejn jirizulta li l-kawza giet differita sabiex jinghata l-provediment finali;

Ikkonsidrat :-

Dan ir-rikors qed isir fl-atti tal-mandat ta’ qbid numru 942/1998 datat 20 ta’ Marzu, 1998. L-intimat ottjena l-hrug ta dan il-mandat kontra r-rikorrenti Nicholas Farrugia. Fir-rikors promotur iz-zewg rikorrenti l-imsemmi Nicholas Farrugia u martu Antonia Farrugia jippremettu li huma legalment separati in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo’ datat 18 ta’ Mejju 1998. B’kuntratt iehor precedenti, dejjem fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 6 ta’ Settembru 1994, l-imsemmija konjugi Farrugia xoljew il-komunjoni ta’ akkwisti gia ezistenti bejniethom u qassmu l-assi. Ir-rikorrenti jipremettu li l-oggetti maqbuda fl-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta qbid fl-ismijiet jappartjenu lir-rikkorrenti Antonia Farrugia. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li l-eskuzzjoni tal-mandat ta’ qbid in kwestjoni tigi revokata “contrario imperio” u konsegwentement li tigi ordnata l-liberazzjoni tal-effeti mobbli kollha maqbuda fl-istess esekuzzjoni tal-mandat;

Da parti tieghu l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu. Ghalhekk l-istess intimat qed jeccepixxi li l-obbligu assunt mir-rikorrenti Nicholas Farrugia fit-18 ta’ Jannar 1994 u 18 ta’ Lulju 1994 kien jantecedi ghax-xoljiment li sehh fis-6 ta’ Settembru 1994 u li fi kwalunkwe kaz dak kollu li sar mir-rikorrenti sar bi frodi tad-drittijiet tal-krredituri antejuri;

Mill-provi li gew prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw sufficjentement pruvati. Difatti jirrizulta li l-oggetti kollha in kwestjoni kienu gew assenjati lill rikorrenti Antonia Farrugia u dana permezz tal-imsemmi kuntratt fejn r-rikorrenti konjugi Farrugia kienu isseparaw. Ghalhekk

jidher li l-istess oggetti kollha li kien hemm fid-dar konjugali Flat 3 St Joseph Flats, Mediatrix Square, Zabbar japparjenu esklussivament lill-istess rikorrenti Antonia Farrugia. Ma jidhirx li l-istess Antonia Farrugia kienet debitrici fil-konfront tal- intimat u ghalhekk l-istess oggetti ma setghu qatt ikunu maqbuda bil mandat in kwestjoni;

L-intimat naqas li b'xi mod jisostanzja dak li huwa ssottometta fir-risposta tieghu. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-istess intimat ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-mandat in kwestjoni ma jistax jigi esegwit fuq l-oggetti li gew maqbuda u ghalhekk tordna li l-istess effetti u oggetti kollha jigu liberati mill-esekuzzjoni tal-istess mandat;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------